## Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Spiridione Zammit]**

**vs**

**Darren Borg**

**Kumpilazzjoni Numru: 252/16**

**Denunzja**

**Illum, 28 ta' Gunju, 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Darren Borg detentur tal-karta tal-identita` numru 488482M;

Rat li dan gie ssentenzjat minn din il-Qorti permezz ta' sentenza datata 19 ta' Frar 2018 li minnha ma kienx intavolat l-ebda appell;

Rat illi f'dik is-sentenza l-imputat lien gie mpoggi taht Ordni ta' Probation taht il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perjodu ta' tliet (3) snin;

Illi rat in-nota tal-ufficjal tal-Probation Rhona Agius Custo' datata 3 ta' Settembru 2018 li a bazi tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta hija kienet qed tiddenunzja lill-issentenzjat Darren Borg u dan stante illi huwa ma kienx qed josserva d-direttivi mposti taht l-Ordni ta' Probation;

Semghet ix-xhieda bil-gurament tal-ufficjal tal-Probation Rhona Agius Custo' fil-prezenza tad-denunzjat u tal-avukat tieghu fejn din elaborat fuq il-fatt illi l-imputat ma kienx qed josserva skrupolozament id-direttivi taghha f'dak li kellu x'jaqsam l-abbuz tad-droga;

Rat illi din il-Qorti halliet trapass taz-zmien u dan sabiex is-sentenzjat jirrejalizza xi ried jaghmel b'hajtu;

Rat illi finalment l-andament tieghu kien wiehed pozittiv fejn it-testijiet tal-urina kienu kollha fin-negattiv u anke wera aktar motivazzjoni f'hajtu;

Semghet ukoll ix-xhieda ta' Dr. Moses Camilleri mid-Detox u ta' Juan Vella mill-Agenzija Sedqa li t-tnejn xehdu illi l-andament tad-denunzjat kien wiehed pozittiv ferm;

Semghet ukoll ix-xhieda tad-denunzjat Darren Borg.

Ghal dawn il-motivi u a bazi tal-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u stante illi gie ppruvat illi d-denunzjat ma kienx qed josserva d-direttivi tal-Ufficjal tal-Probation izda llum il-gurnata qed isegwihom il-Qorti qed tilqa' t-talba tal-ufficjal tal-Probation izda qed tikkundanna lid-denunzjat biss ghal ammenda ta' mitt ewro (€100).

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamin Mifsud**
**Deputat Registratur**